# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROCCA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru mija u tnejn (102) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 24 ta Lulju, 2012 fis-6:30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻATA | Grace Marie Mallia | Kunsillier |

1. Is-sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu meħuda bħala moqrija, kienu approvati u ffirmati mingħajr l-ebda korrezzjoni.

3. Is-sindku kien tal-parir li jkunu *'endorsed'* il-minuti tal-Bord ta' Aġġudikazzjoni ffurmat mill-kumitat appuntat minn fost il-kunsillieri, kif fil-fatt sar u għaldaqstant l-offerti tat-tindif tat-toroq urbani, tal-latrina pubblika, tat-tindif tal-uffiċċju kif ukoll tal-istampar ta' *brochure* biex tkun reklamata l-*Heritage Trail* ta' Miżura 313, kienu *awarded.*

4. Is-sindku qal li tkomplew ix-xogħlijiet ta' kisi ta' toroq u li kieku l-kuntrattur ma ġratlux ħsara fl-inġenji, kieku nhar it-Tnejn li għadda beda jiksi bit-tarmak. Intant bħal issa qed jingħata dak li hu magħruf bħala t-*type 1* fi Triq is-Saljatura, Triq iż-Żurrieq, Triq Ħal Kirkop u Triq il-Murselli. Saru wkoll xogħlijiet fejn ġew mgħollija t-tappieri tad-drenaġġ fit-toroq imsemmija. Is-sindku qal li *Asfaltar Ltd* qaxxar Triq Ħal Kirkop u din se tingħata t-tarmak sa fejn Ġnien Tfal ir-Raħal, wara li tlesta l-*culvert* li se jferra' l-ilma tax-xita sal-bidu ta' Triq Ħal Kirkop. Noel Galea qal li qed jantiċipa illi din il-ġimgħa jingħalqu dawn it-toroq. Dan l-istess kif qed jingħalaq mar-*roundabout* biċċa biċċa wara li l-kuntrattur responsabbli mill-proġett ta' Miżura 313, *Schembri Barbros* qed jimxi strettament skond il-*method statement*. Dan ix-xogħol jinkludi wkoll it-tisqif tal-katakombi li nstabu għall-ewwel darba waqt l-iskavi fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

5. Charles Farrugia saħaq sabiex tintuża r-rata tad-*day-works* biex ikopru l-*extra over costs* tal-iskavar u l-*backfilling* kif ukoll il-kostruzzjoni tas-saqaf tal-katakombi l-ġdid. Dan wara li Noel Galea qal li se nkunu ordnati nagħmlu dan is-saqaf mis-Sovratendenza Patrimonju Kulturali wara s-sejba tal-oqbra oħra ġodda u wkoll it-tindif tagħhom taħt il-ħarsien tas-Sovratendenza li wkoll irridu nħallsu għalihom bħala kunsill lokali.

6. Dwar il-ħsarat fi Triq tas-Sejba, is-sindku qal li għadna qed nistennew ir-rapport ta' *Transport Malta* wara li saru żewġ *pilot holes* fl-istess parti tat-triq li eventwalment sfrundat 'l isfel. Is-sindku sostna li s'issa m'hemm l-ebda ħjiel illi din il-ħsara seħħet minħabba mejnijiet tal-ilma difettużi.

7. Dwar l-*istage* ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti, is-sindku qal li dan inqala' minn postu u issa *Transport Malta* se jwaħħluh fi Triq tas-Sejba fejn propost minnhom il-*bus-stop* li twaħħal minnhom sena ilu. Madankollu hu talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jgħaddi kopja tad-*Development Notice Order* lill-*Transport Malta* li kien applika għaliha l-KLM.

8. Għad-domanda ta' kunsillier għaliex inqalgħu żewġ servizzi tal-ilma tad-djar fi Triq Santa Katerina propju fejn il-*Convenient Shop*, Noel Galea qal li peress li qed tinbidel it-tarf tal-bankina, bilfors kellhom jinbidlu dawn iż-żewġ servizzi tal-ilma.

9. Dwar il-propost *yellow line* quddiem ir-residenza 'Ġawhra' fi Triq ta' Valletta, is-sindku nforma lill-kunsillieri illi għad m'għandniex risposta minn *Transport Malta*, madankollu hu qal li jinħtieġ illi napplikaw għal *yellow line* f'post li aktar 'il quddiem se jkun indikat minnu fi Triq il-Parroċċa fin-naħa ta' fuq.

10. Noel Galea aġġorna lill-KLM illi fil-jiem li għaddew intbagħtet ittra fejn qed noġġezzjonaw għar-*registered drainage outfall* li hemm fl-inħawi tat-Torba. Dan għaliex minħabba fiha qed ikun hawn spiss żbroff ta' drenaġġ fl-inħawi ta' Triq Ħal Kirkop fil-qalba tal-*housing estate.* Skont kif kien innutat mill-istess ħaddiema tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, dan kien kawża ta' materjal tal-annimali li saħansitra ħareġ qalb ir-residenzi għal darba, darbtejn.

11. Dwar l-għeluq tat-toroq fil-festa, is-sindku qal illi lestejna l-ittra biex nibagħtu t-talba biex jingħalqu t-toroq temporanjament fi żmien il-festa sa mit-8 ta' Awwissu. Dwar l-andament tal-festa ta' Santa Marija, Noel Galea qal illi ġie mistieden għal laqgħa ma' Dun Frans Abdilla flimkien mas-segretarju eżekuttiv, l-Ispettur Pulis u s-Supritendent Sandro Gatt tal-pulizija u l-President u s-Segretarju tal-Każin ta' Santa Marija u kien hemm suġġeriment li ssir laqgħa mal-Kurja dwar proposta tal-Kurja stess illi jitħassru l-festi esterni. Eventwalment il-laqgħa mal-Kurja inżammet ukoll, u s-segretarju eżekuttiv ħa l-minuti ta' dawn il-laqgħat li s-sindku talab li jiġu ċċirkulati lill-kunsillieri. Intant, fi stqarrija aktar 'il quddiem, il-Kurja tal-Arċisqof ħasset li anke l-festi esterni, bħaċ-ċelebrazzjonijiet interni kellhom ikunu ri-dimensjonati b'mod illi jirrifletti sinifikantement viżtu b'rispett lejn il-Kappillan Dun Nazzaren Caruana, kif ukoll kien irrappurtat f'dawn l-aħħar ġranet fil-*media.* Is-sindku għamel aċċenn għall-minuti tal-laqgħa tal-Kurja fejn ta rendikont kif se tkun ridimensjonata l-festa fejn qal illi se titkanta l-Ave Maria, jinqraw poeżiji, u ssir kommemorazzjoni apposta b'silta dedikata għall-Dun Nazzaren. Hu qal illi r-raħal għamel kważi erbat ijiem f'luttu fil-ġranet li fih sar il-funeral akkumpanjant bil-baned (banda waħda b'elementi miż-żewġ każini) bħala rispett. Dan kollu kien elenkat fiż-żewġ laqgħat imsemmija hawn fuq, fejn saru l-kontroproposti mis-Soċjetà Santa Marija, fejn għall-bidu l-istess Kurja lanqas biss kienet qed tikkunsidra illi tiġi mixgħula l-koppla tal-knisja. Kien ukoll deċiż illi f'nofs il-laqgħa li jmiss tal-KLM, jiġifieri dik tas-7 ta' Awwissu, il-KLM jistieden lis-Soċjetà Mużikali Santa Marija għal *drink* tal-festa. Dwar is-servizz addizzjonali tal-gwardjani lokali fil-festa biex jidderieġu t-traffiku, is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex ikun konfermat jekk ir-Reġjun hux se jkun jista' jilqa' r-rikjesta tagħna. Ġie deċiż li t-*token* se jkun ippreżentat fil-programm strumentali.

12. Is-sindku fakkar lill-kunsillieri biex jippreżentaw l-artiklu tagħhom għall-ħarġa tal-fuljett li jmiss filwaqt li qal li fih se jidhru avviżi tal-mawra għal Għawdex, ieħor biex nistiednu l-artisti jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom fir-rotta tal-arti kif ukoll biex kull min hu nteressat iressaq proposti għan-nomini tal-premju Ġieħ l-Imqabba 2012. Is-sindku qabel mas-suġġeriment ta' Nicholas Briffa illi f'dan l-istadju dan l-unur jingħata wkoll lil Dun Nazzaren Caruana. Peress li dan issa hu nieqes, il-Kunsillier Nicholas Briffa qal illi wieħed jista' jikkunsidra l-ordni tal-mertu li jkun preżentat lill-familjari tiegħu bħala apprezzament għall-ħidma tiegħu fir-raħal tagħna.

13. Dwar l-attività kulturali 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien', is-sindku qal illi rridu nġibu l-*isponsors* biex inkunu nistgħu inkopru l-ispejjeż kollha ta' din l-attività li issa naqsulna l-fondi għaliha u għalhekk saret ħafna aktar diffiċli biex issir fi żmien fejn l-aspettattiva tal-pubbliku issa telgħet ferm u l-ispejjeż dejjem jogħlew. Intant, Nicholas Briffa qal li se jippreżenta ritratti antiki biex issir *back drop*, suġġeriment tad-deputat sindku li sar f'laqgħat preċedenti tal-KLM. Charles Farrugia qal illi tajjeb illi l-festival isir f'Misraħ il-Fidwa u l-istess *background* tintrema f'din il-pjazza.

14. F'punti oħra, ssemma r-rapport pubblikat tal-awditur tal-2010 li għadu kemm ħareġ. Hawn intqal illi minkejja li konna ċari fis-servizzi li taw is-soċjetajiet, dan xorta semma illi intefqu 'il fuq minn €8,000 li qed jitqiesu mill-udituri bħala donazzjoni.

15. Dwar is-separazzjoni tal-iskart, is-sindku qal li flimkien mas-segretarju eżekuttiv kien iddiskuta ma' uffiċjal tal-*Greenpak Co-op* flimkien mal-kuntrattur tal-kollezzjoni tal-iskart, Joe Zammit kemm qed jidħol skart organiku fiċ-ċentru tar-riċiklaġġ ta' Sant'Antnin, biex naraw jekk dan it-tip ta' skart hux fil-fatt qed jonqos. Intant bħala *follow up* ta' din il-laqgħa ġejna mogħtija d-dettalji tal-piż minn fuq iċ-*chits* tal-iskart li daħal fl-istess impjant. Is-sindku qal li mix-xahar ta' April, jirriżulta illi kważi qed ikollna tliet tunnellati kuljum ta' *organic waste.* Intant fit-2 ta' Awwissu se terġa' ssir laqgħa oħra mal-uffiċjali tal-*Greenpak Co-op*. Intant intqal li kien hemm parteċipazzjoni sħiħa peress li ġie abolit il-ġbir tal-iskart organiku nhar ta' Tlieta u minflok qed jinġabar dak separat biss. Madankollu, Paul Spiteri qal li qed ikun hemm ħafna skart organiku mal-*bring-in-sites* ta' Misraħ il-Fidwa. Infatti Paul Spiteri talab li titwaħħal tabella ta' twissija.

16. Noel Galea qal illi kellu talba minn Mersia Mackay sabiex hi issir skrivana, issa *full time* u hu qed jerġa' jressaqha quddiem il-KLM u semma raġunijiet personali tagħha. Paul Spiteri qal illi jekk hemm bżonn ta' dawn is-siegħat żejda hu ma jsibx oġġezzjoni. Intant Nicholas Briffa qal li l-kunsill irid jiġġustifika r-raġuni għaliex hemm bżonn li jġibha *full time.* Din il-proposta ġiet aċċettata minn dawk preżenti u ser ninfurmaw lid-dipartiment mill-aktar fis.

17. Paul Spiteri semma l-ħtieġa illi jsir il-*patching* fi Sqaq Buħar, liema sqaq jagħti għall-inħawi tal-Ajruport Internazzjonali tal-Malta.

18. Kienet approvata l-*Purchase Request Form* numru 442 minbarra *item* 5 li s-sindku qal li jinħtieġ illi jiġi revedut għaliex il-Perit Bezzina qabżulu xi spejjeż li saru fuq trinka tal-Korporazzjoni Enemalta mħaffra fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju.

19. Il-laqgħa ntemmet fit-20:25pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*07/ 08/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |